MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 2/2008

**Din l-Art Helwa u The Gaia Foundation.**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Din l-Art Helwa datat 11 ta' Marzu 2008 a fol. 2 tal-process fejn esponiet:-

Illi b'decisjoni tad-29 ta' Frar 2008, il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar (PAB252/07 ISB PA1141/06) laqghet l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita' u cahdet l-appell tat-18 ta' Ottubru 2007.

Illi l-appellant ihoss ruhu aggravat minn din id-decizjoni u ghalhekk qieghed jipprezenta dan l-appell minnha.

Il-fatti huma *in breve* li b'decizjoni tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 26 ta' Settembru 2007 mehuda ghal applikazzjoni PA 1141/06 fuq sit Buqana limiti tar-Rabat, Malta -"*the relocation of a petrol station from Floriana to Buqana*" - l-istess Awtorita` laqghet it-talba tal-applikant.

Illi l-esponenti ipprezentaw appell fit-18 ta' Ottubru 2007.

Illi l-Awtorita` pprezentaw risposta fejn *inter alia* ecceppiet li Din l-Art Helwa ma ghamlitx oggezzjonijiet fit-terminu stabbilit bil-ligi meta giet pubblikata l-*outline development 1141/06*. *Di piu`* meta l-applikazzjoni nbidlet ghal *full development* u rega' kien hemm il-pubblikazzjoni ma saru ebda oggezzjonijiet mill-appellanti Din l-Art Helwa.

Illi bhala fatt fit-23 ta' Mejju 2007 Din l-Art Helwa ssottometiet *objection letter* in konnessjoni mal-applikazzjoni PA file 1141/06.

Illi sussegwentement fil-14 ta' Lulju 2007 giet publikata f'gazzetta lokali "*full development application*" in konnessjoni mal-istess *file* PA 1141/06. - Din l-Art Helwa issotomettiet li l-*objection letter* li kienet ghamlet hija valida fil-konfront tal-applikazzjoni ghal *full development*.

Illi l-Bord tal-appell dwar l-Ippjanar ikkonkluda li billi l-*letter of objection* saret qabel iz-zmien previst skont l-**artikolu 32 (5) tal-Kap 356** l-eccezzjoni preliminari tal-Awtorita` kienet gustifikata.

Illi l-aggravju hu manifest u jikkonsisti kif gej:

Illi ma hemmx dubju li Din l-Art Helwa pprezentat l-oggezzjonijiet fil-konfront taz-zvilupp in kwistjoni. Illi l-**artikolu 32 (5) tal-Kap 356** jghid li *"kull persuna tista' ghal ragunijiet imsejsa fuq kwistjonijiet rilevanti ta' ppjanar, taghmel sottomissjonijiet fejn toggezzjona kontra xi zvilupp. Dik l-oggezzjoni ghandha ssir bil-miktub u tasal ghand l-Awtorita` fi zmien hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni tal-avviz msemmi fis-subartikolu (4)."*

Illi ghalhekk fil-*file* in kwistjoni kien hemm sottomissjonijiet ta' oggezzjonijiet bil-miktub kontra l-izvilupp in kwistjoni liema sottomissjonijiet kienu saru zgur qabel ma ghaddew il-15-il jum mill-pubblikazzjoni tal-avviz.

Illi f'dan il-kaz ma kienx necessarju li Din l-Art Helwa tipprezenta oggezzjonijiet ohra in konnessjoni ma' tibdil tan-natura tal-applikazzjoni billi l-oggezzjonijiet taghha kienu diga` fil-*file* in kwistjoni.

Il-punt ta' ligi huwa li l-Bord accettat l-eccezzjoni preliminari meta l-**artikolu 32 (5)** ma jipprovdix specifikament li jekk issir oggezzjoni li jkun gie ppresentat fl-istess *file* u kontra l-istess zvilupp izda ikun sar qabel tibdil fl-applikazzjoni l-istess oggezzjoni tigi dikjarata "*fuori termine*".

Illi l-esponent jissottometti li din l-Onorabbli Qorti ghandha tara li d-decizjoni taghha tkun wahda li tipprotegi d-drittijiet fundamentali tal-appellant sanciti bl-**artikoli 6 (1)** tal-konvenzjoni Ewropea u tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti Ewropea fil-kaz fl-ismijiet **Belez and Others vs. Czech Republic** (12 ta' Novembru 2002) hekk riteniet.

*"the rules governing the formal steps to be taken and the time-limits to be complied with in the lodging on an appeal are aimed at ensuring the proper administration of justice and compliance, in particular, with the aforementioned principle of legal certainty. That being so, the rules in question, or the manner in which they are applied, should not prevent litigants from using an available remedy...A procedural rule has been construed in such a way as to prevent the applicants' action being examined on its merits, with the attendant risk that their right to effective protection would be infringed...Consequently, the Court finds that in deciding, on the basis of a particularly strict construction of a procedural rule, not to examine the merits of the case, the domestic courts undermined the very essence of applicants' right to a court, which is part of their right to a fair trial guaranteed by Article 6 (1) of the*

*Convention. There has therefore been a violation of Article 6 (1) of the Convention."*

Illi f'dan il-kaz "*a procedural rule has been construed in such a way as to prevent applicant's action being examined on its merits*" meta bhala fatt kien hemm oggezzjonijiet ipprezentati b'mod regolari. Il-ligi ghandha tigi interpretata fis-sens li l-oggezzjonijiet jridu jsiru f'certu zmien ghaliex dan huwa necessarju ghall-amministrazzjoni tal-gustizja izda ma ghandhiex tigi interpretata biex teskludi oggezzjonijiet li jkunu saru qabel in konnessjoni mal-istess zvilupp. Il-ligi tipprovdi "*deadline*" u mhux ristrizzjonijiet ghal oggezzjonijiet li jkunu saru qabel. Dan huwa kkonfermat mill-fatt li jekk persuna toggezzjona malli jara "*site notice*" (**artikolu 32 (4) tal-Kap. 356**) li jigi mwahhal qabel publikazzjoni fil-gazzetti, tali oggezzjoni jista' jigi kkunsidrat bhala nvalidu mill-Bord. Dan ikun ifisser li t-twahhil ta' "*site notice*" jista' ikun kagun ta' konfuzjoni minflok ta' ghajnuna ghal dawk li jridu joggezzjonaw.

Illi l-oggezzjonijiet ta' Din l-Art Helwa gew debitament inkluzi fil-DPA report in konnessjoni mal-applikazzjoni in kwistjoni u l-appellant qatt ma gie nformat li l-oggezzjonijiet tieghu mhux ser jigu kkunsidrati.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti tirrevoka d-decizjoni tal-Bord tal-appell dwar l-Ippjanar datat 29 ta' Frar 2008 fl-ismijiet premessi u dan taht kull provediment xierqa.

Rat id-dokument esebit a fol. 5 sa 8a tal-process;

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 3 ta' April 2008 a fol 8 tal-process, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell dwar L-Ippjanar (Bord) fl-ismijiet **"Din l-Art Helwa et vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord fid-29 ta' Frar 2009.

Rat ir-risposta tal-appell ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 18 ta’ Gunju 2008 a fol. 13 tal-process fejn esponiet bir-rispett:-

1. Illi l-appellanti Din L-Art Helwa qieghda tappella minn decizjoni tal-Bord tal-Appell fuq kwistjoni tat-terminu dekorribbli ghall-oggezzjonijiet wara li applikazzjoni tigi ppublikata fil-Gazzetta ghal dak li ghandha x'taqsam *'outline application'* u '*full development application'*.

2. Illi stranament The Gaia Foundation mhix qed tappella minn din id-decizjoni ghalkemm fil-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kien hemm rapprezentant wiehed ghaz-zewg entitajiet.

3. Illi l-esponenti qieghda tipprova tikkreja procedura gdida ghal dak li jirrigwarda l-procedura tal-oggezzjonijiet biex b'hekk tiddipartixxi mil-ligi li tirregola dawn il-proceduri u cioe` l-Att I tal-1992, sabiex tiggustifika l-fatt illi hija ma oggezzjonatx mill-*'full development application'* meta fil-fatt hija oggezzjonat tardivament mill-*'outline development application'* nimru PA1141/06.

4. Illi kif issemmi b'mod car u inekwivoku l-**artikolu 32 (5) tal-Att. I tal-1992**, dan jghid illi l-oggezzjonijiet ghandhom isiru bil-miktub *entro* t-terminu tal-15-il gurnata mill-Avviz fil-Gazzetta ta' din l-applikazzjoni u mhux minn meta tigi mwahhla s-*'site notice'* fuq il-post.

5. Illi kif intqal fil-Bord, Din L-Art Helwa oggezzjonat tard fl-*'outline development permit'* u meta hareg l-Avviz tal-*'full'* din ma oggezzjonat xejn. Jekk l-appellanti qieghda tghid illi ladarba oggezzjonat fl-*'outline'* fuq dan is-sit, mela din l-oggezzjoni tapplika wkoll ghall-*'full'*, din zgur m'ghandhiex ragun u dan ghaliex fl-ewwel lok l-oggezzjoni taghha ma tapplikax ghaliex saret tardivament, u fit-tieni lok il-proceduri tal-*'outline'* u tal-*'full'* huma proceduri kompletament differenti u jirrikjedu zewg avvizi differenti u awtonomi minn xulxin.

6. Ghaldaqstant, il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, wara li kkonstata s-sottomissjonijiet tal-appellanti, kien korrett li

jichad l-appell maghmul minn Din L-Art Helwa ghar-ragunijiet hemm premessi.

Ghaldaqstant l-Awtorita` appellata, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti u tirrizerva li ggib dawk il-provi u taghmel dawk is-sottomissjonijiet ulterjuri permissibbli skont il-ligi, titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti tichad l-appell intavolat minn Din L-Art Helwa u tikkonferma d-decizjoni fl-ismijiet fuq premessi moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Frar 2008.

Rat li l-istess rikors gie notifikat lill-entita’ Gaia Foundation fit-13 ta’ Marzu 2008 li ma pprezentatx l-ebda risposta u lanqas dehret ghall-proceduri quddiem din il-Qorti minkejja li giet notifikata bid-data tas-smigh tal-istess appell fis-16 ta’ Mejju 2008.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti fejn fis-seduta tat-23 ta’ April 2009 meta ssejjah l-appell dehru d-difensuri tal-partijiet u Ivor Robinich ghall-MEPA. Id-difensuri trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghall- 25 ta’ Gunju 2009.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi dan l-appell huwa dwar applikazzjoni PA 1141/06 fuq sit Buqana limiti tar-Rabat, Malta -"*the relocation of a petrol station from Floriana to Buqana*" – fejn l-istess Awtorita` laqghet it-talba tal-applikant. Jidher li sar appell minn Din L-Art Helwa u The Gaia Foundation quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar, fejn fil-konfront tal-appellanti odjern gie eccepit mill-Awtorita’ intimata quddiem l-istess Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar li l-appell tal-istess entita` mhux sostenibbli peress li ma’ sarx appell fit-terminu stabbilit meta giet ippubblikata *l-outline development application,* mentri fil-kaz tal- *“full*

*development application"* ma saret l-ebda oggezzjoni wara l-pubblikazzjoni tal-istess fit-terminu ndikat fil-ligi.

Illi jirrizulta li l-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni ndikata bhala *"outline development"* giet ippublikata fil-11 ta' Marzu 2006 u kien biss fit-23 ta' Mejju 2007 li saret "objection letter" minn Din l-Art l-Helwa l-appellanti odjerna; jirrizulta wkoll li saret pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni bhala *"full development"* fl-14 ta' Lulju 2007 u ma jirrizultax li saret oggezzjoni ghal din l-applikazzjoni mill-istess entita' appellanti odjerna. Il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ddecieda li f'dan il-kaz l-appellanti odjerni ressqet l-oggezzjoni taghha tardivament fil-kaz tal-applikazzjoni ghall-*outline development permit*, mentri ma pprezentat l-ebda oggezzjoni wara l-pubblikazzjoni tal-*full development permit* u ghalhekk ladarba ma saritx oggezzjoni fit-terminu ndikat fl-artikolu 32 (5) tal-Kap. 356 allura giet milqugha l-oggezzjoni tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u l-appell gie michud.

Illi llum l-appellanti odjerna Din l-Art Helwa appellat minn din id-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar fejn qed issostni li tali decizjoni hija zbaljata ghaliex qed tghid li peress li hija pprezentat oggezzjoni fit-23 ta' Mejju 2007 u allura qabel il-pubbikazzjoni fl-14 ta' Lulju 2007 tal-applikazzjoni ghall-*outline development permit,* hija oggezzjonat fit-terminu ndikat fl-**artikolu 32 (5) tal-Kap. 356** ghaliex skont hija ladarba oggezzjonat qabel ma' saret il-pubblikazzjoni tal-istess zvilupp, hija xorta wahda ghandha tigi kkunsidrata li dahhlet l-oggezzjoni taghha fit-terminu ndikat fil-ligi.

Illi dwar dan jinghad li fl-**artikolu 15 (1) (d) tal-Kap. 356** jinghad li appell *"jista' jsir minn terza persuna interessata li tkun ghamlet xi kummenti bil-miktub skond l-artikolu 32 (5) meta tigi ppublikata l-applikazzjoni ghall-ghemil ta' zvilupp".*

Illi l-**artikolu 32 (4)** jipprovdi li *"l-Awtorita' ghandha, ghas-spejjez ta' min japplika, tara li l-proposta u l-isem ta' min japplika jigu ppublikati fl-istampa lokali u mxandra b'avviz fis-sit. L-Awtorita' ghandha tkun responsabbli li twahhal*

*avviz fis-sit u l-applikant ghandu jkun responsabbli li jizgura li l-avviz jibqa' mwahhal ghall-perjodu ta' ghoxrin jum mid-data li l-avviz jigi hekk imwahhal. Kopja ta' kull applikazzjoni u pjanta relattiva u l-pjanta relattiva li turi fejn jinsab is-sit ghandhom jigu notifikati mill-Awtorita' lill-kunsilli lokali li fil-lokalita' tieghu tkun qed jigi propost li jsir l-izvilupp. F'kaz ta' progetti kbar l-Awtorita' tista' titlob lill-applikant li jippublicizza l-applikazzjoni tieghu f'dik il-manjiera ohra li jidhrilha xierqa. Il-Ministru jista' jippreskrivi metodi ohra biex tinghata pubblicita' lill-applikazzjoni apparti dawn ta' hawn aktar qabel".*

Illi l-**artikolu 32 (5)** jipprovdi li *"kull persuna tista', ghar-ragunijiet imsejsa fuq kwistjonijiet rilevanti ta' ppjanar, taghmel sottomissjonijiet fejn toggezzjona kontra zvilupp. Din l-oggezzjoni ghandha ssir bil-miktub u ghandha jkollha esposizzjoni motivata ghaliha, u ghandha tasal ghand l-Awtorita' fi zmien hmistax-il jum mill-pubblikazzjoni ta' l-avviz imsemmi fis-subartikolu (4) b'dan illi l-Awtorita' tista' f'kaz ta' progetti kbar testendi l-imsemmi perjodu ghal tletin gurnata u f'dan il-kaz ghandha taghti avviz ta' estensjoni fl-imsemmija pubblikazzjoni. Dak iz-zmien jista' jitqassar ghal sebat ijiem f'kazijiet urgenti kif jista' jigi ndikat fil-pubblikazzjoni. L-Awtorita' ghandha tikkonsidra u tiddeciedi dwar l-oggezzjoni. Kull persuna li tkun ghamlet oggezzjoni bil-miktub ghall-izvilupp kif inghad hawn fuq ghandha tigi informata mill-Awtorita' jew mill-Kummissjoni, skont il-kaz, meta jkunu gewipprezentati pjanti godda, jekk ikun il-kaz, u dik il-persuna ghandha tigi mistiedna, biex tkun prezenti ghall-laqgha tal-Awtorita' jew tal-Kummissjoni meta dik l-applikazzjoni tigi diskussa".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Fish & Fish Limited et vs. l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) 10 ta' Dicembru 2008) wara s-sentenza **"Perit Austin Attard Montaldo vs l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' L-Izvilupp"** (A. C. – 20 ta' Awissu 1996) dahlu emendi fil-ligi li llimitaw l-appell li seta' jaghmel terz interessat fis-sens li tali appell ma setax isir f'kull stadju izda dan kellu jaghmel l-oggezzjoni tieghu bil-mod indikat bil-miktub u fit-terminu stipulat li jibda jiddekori mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-applikazzjoni relattiva ta' zvilupp, u

ghalhekk l-iskop ta' tali emenda kien li kull min ghandu nteress fl-istess zvilupp kellu jaghmel l-opposizzjoni tieghu mal-ewwel opportunita' li tinghata lilu u din l-opportunita' giet ikkunsidrata bhala dik meta ssir il-pubblikazzjoni relattiva tal-proposta (**"Reverendu Carmelo Busuttil vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. – 5 ta' Ottubru 2001) "**Saviour Cremona vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A. C. – 27 ta' April 2006) u dik fl-ismijiet **"Dr. Philip Galea et vs Tigne' Development Co. Limited et"** (P.A. (GV) – 29 ta' Marzu 2004).

Illi tenut kont ta' dan kollu mill-**Kap. 356** jirrizulta ghalhekk li skont l-**artikolu 32 (5)** persuna interessata tista' taghmel oggezzjonijiet ghall-izvilupp bil-miktub u dan fi zmien hmistax-il gurnata mill-pubblikazzjoni ta' avviz f'gazzetta lokali skont l-**artikolu 32 (4)** tal-istess Kap. Meta ssir din l-oggezzjoni dan jintitola lil din it-terza persuna interessata sabiex taghmel appell quddiem il-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 15 (1) (d) tal-Kap. 356** u wara jista' jsir appell wkoll quddiem din il-Qorti.

Illi allura tenut kont tal-fatti odjerni jirrizulta li la darba l-*obejction letter* tal-entita' appellanti ma saritx fit-terminu ndikat fl-*artikolu 32 (5)* mela allura l-istess entita' ma tikkwalifikax bhala *third party objector* skont il-ligi u allura ma setax isir minnha appell la quddiem il-Bord u lanqas quddiem din il-Qorti, b'dan li jidher li l-istess Bord mexa fuq l-insenjament ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet **"Reverendu Carmelo Busuttil vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u Margaret Ellul"** (A.C. (JSP) (JAA) (JDC) - 5 ta' Ottubru 2001 – Appell Nru. 310/00) fejn inghad li tali terminu sabiex issir l-oggezzjoni kellu jibda jiddekorri mid-data ta' pubblikazzjoni ta' l-avviz fl-istampa lokali u mhux mid-data li fiha tkun imwahhla *s-site notice.*

Illi dwar il-punt li wiehed jista' jappella wara li ssir *site notice*, u qabel ma ssir il-pubblikazzjoni u din tkun valida sabiex tippermetti persuna sabiex toggezzjona ghall-izvilupp bi dritt ta' appell bhala *third party objector* jinghad

li dan ukoll mhux korrett peress li skont l-istess sentenza fuq citata ta' **"Reverendu Carmelo Busuttil vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u Margaret Ellul"** u wkoll dik fl-ismijiet **"Saviour Cremona vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp et"** (A.I.C (RCP) – 27 ta' April 2006) inghad li fil-ligi *"saret distinzjoni bejn il-kliem li jintuza fl-**artikolu 32 (4)** u cjoe' rabta tal-verb "jigu pubblikati" mal-kliem "l-istampa lokali", u l-verb "imxandra" mal-kliem "b'avviz fuq il-post" cioe' is-site notice".*

*"Wiehed jinnota li meta gie ghas-sub-inciz (5) il-legislatur uza biss il-kelma "pubblikazzjoni" u ma ghamel l-ebda riferenza ghall-kelma "xandir". Fil-fehma tal-Qorti dan il-fatt ikkonforta l-interpretazzjoni li wasal ghaliha l-Bord meta qal li t-terminu perentorju ghall-oggezzjoni tat-terzi persuni ghandu jibda jiddekorri mid-data tal-pubblikazzjoni ta' l-avviz fl-istampa lokali u mhux mid-data li fiha tkun imwahhla s-site notice".*

*"Il-Qorti tahseb li l-legislatur kellu skop preciz meta uza unikament il-kelma "pubblikazzjoni", biex jaghti hjiel li t-terminu imsemmi kellu jibda jiddekorri minn din id-data tal-pubblikazzjoni fl-istampa lokali. B'dan il-mod il-legislatur wera li ried jevita hafna incertezzi u litigazzjonijiet bla bzonn derivanti mill-fatt li d-data tal-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali tista' ferm aktar facilment tigi pprovata u accertata milli qatt tista' tkun id-data tat-twahhil tas-site notice. Kieku t-terminu in kwistjoni kellu jkun marbut mad-data tat-twahhil tas-site notice fuq il-post, kieku kien ikun necessarju li ssir il-prova wkoll li matul dan it-terminu kollu, l-istess avviz baqa' dejjem imwahhal fuq il-post. M'ghandniex xi nghidu li din il-prova hija prova li tista' tohloq diffikultajiet kbar u jista' jkun hemm lok ghall-abbuz da parti ta' persuna interessata li tkun intenzjonata li ttawwal it-terminu perentorju ta' 15-il gurnata b'mezzi mhux konvenzjonali jekk mhux ukoll illegali, billi per ezempju, tara li dak l-avviz jigi maqlugh minn fejn twahhal".*

*"….Infatti l-legislatur jidher li ried jassigura li t-terminu perentorju msemmi fis-subinciz (5) ma jkunx wiehed*

*difficilment accertabbli, izda ried invece, li dan it-terminu jkun wiehed li jista' facilment jigi identifikat b'certezza – vantagg dan li eminentement huwa ta' utilita' kbira ghall-kulhadd".*

Illi din is-sentenza hija cara hafna u din il-Qorti taqbel perfettament ma' l-istess interpretazzjoni u la darba l-appellant ma ghamel l-ebda oggezzjoni fit-terminu indikat fl-**artikolu 32 (5)** u ladarba allura ma huwiex *"terza persuna interessata li tkun ghamlet xi kummenti bil-miktub skond l-artikolu 32 (5) meta tigi applikata l-applikazzjoni ghall-ghemil ta' zvilupp"* skond l-**artikolu 15 (1) (d) (i) tal-Kap 356** mela allura l-ewwel aggravju ta' l-appellanti odjern huwa kompletament bla ebda bazi legali.

Illi ma jirrizultax ghaliex l-istess entita' appellanti ma pprezentatx oggezzjoni fit-terminu indikat mill-ligi wara l-pubblikazzjoni tal-applikazzjoni ghal *full development permit*, b'dan li dan in-nuqqas jidher li huwa attribwibbli ghan-nuqqas ta' agir tieghu u allura l-entita' appellanti odjerna ma tistax tilmenta ghan-nuqqas ta' smigh xieraq mill-Bord tal-Appell peress li jirrizulta li kif sostna l-Bord li kienet l-istess entita' appellanti li ma osservatx hija stess il-procedura stabbilita mill-ligi – procedura li hija kienet tenuta issegwi u b'nuqqas taghha ma segwietx. Jidher ghalhekk li l-agir stess tal-istess entita' appellanti kien proprju wiehed kolpuz, u kien proprju dan in-nuqqas li ovvjament ippregudika l-posizzjoni taghha ghaliex ma agixxietx tempestivament. Ma hemm lanqas ebda prova li l-ligi hija b'xi mod leviza ta' xi dritt kostuzzjonali koncernanti d-drittijiet fundamentali ta' smigh xieraq, anzi jidher biss li l-entita' appellanti bl-agir taghha ppregudikat il-posizzjoni taghha ghaliex ma agixxietx skont u fit-termini mposti mill-ligi.

Illi ghalhekk l-appell ta' l-entita' appellanti Din l-Art Helwa qed jigi michud.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-Awtorita' appellata datata 18 ta' Gunju 2008 biss in kwantu l-istess hija konformi ma' dak hawn deciz, **tichad l-appell tal-entita' appellanti Din l-Art Helwa fir-rikors tal-appell taghha datat 11 ta' Marzu 2008,** *stante* li huwa nfondat kif fuq deciz u b'hekk tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fl-ismijiet **"Din l-Art Helwa et vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 29 ta' Frar 2008.

Illi l-ispejjez ta' din id-decizjoni jibqghu a karigu tal-entita' appellanti Din l-Art Helwa.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------